**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 165/22**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**vs.**

**Michael Scicluna**

**U**

**Omissis**

Illum it-31 ta' Mejju 2022

Il Qorti:

Rat li tressaq Michael Scicluna ta' 38 sena bin Carmelo u Maria nee Galea, imwieled l-Pieta' nhar il-21 ta' Mejju, 1979 , residenti f' numru 4, 'Darcy', triq it-Torri Ruman, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita 0253378(M), kif ukoll

*Omissis*

akkuzati talli nhar it-22 ta' Mejju, 2016, ghall habta tat-3:30 ta' filghodu, gewwa 'Gianpula Fields', Triq il-Gianpula, limiti tar-Rabat, Malta:-

1) Minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajtu offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmelo Sammut, u dan skond ma iccertifika Dr. Keith Sammut MD (Reg. No. 5665) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) u aktar talli fl-istess data' lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoniGBT-534 ghad-dannu ta' Carmelo Sammut u jew ta' persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) izda izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) u aktar talli fl-istess data' lok, hin u cirkostanzi ghamiltu ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kontu ipprovokati , ingurjajtu b'mod li hrigtu l-barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) u aktar talli fl-istess data' lok, hin u cirkostanzi hebbejtu ghall Neil Sammut u kkagunajtulhu offiza ta' natura hafifa hekk skond kif iccertifikat minn Dr. S. B. Das MD (Reg. No. 2141) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221(1)tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi kisru l-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju w glied, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U Michael Scicluna akkuzat wahdu:

6) talli fl-istess data' lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Graziella Sammut, u dan skond ma iccertifika Dr. S. B. Das MD (Reg. No. 2141) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Carmelo Sammut, Graziella Sammut kif ukoll Neil Sammut u tapplika l-provvedimenti ta'Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar it-12 ta' Novembru 2018 l-imputat iddikjara li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[1]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 permess ta' digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Lulju 2019 il-partijiet ezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li diga nstemghu minn din il-Qorti

[1] Folio 195 u 196 ta' l-atti processwali
[2] Folio 231a – 231c ta' l-atti processwali

kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.[3]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-10 ta' Dicembru 2019 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[4]:

a. Fl-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikolu 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tas-16 ta' Jannar 2020, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[5]

---

[3] Folio 236 ta' l-atti processwali
[4] Folio 259-260 ta' l-atti processwali
[5] Folio 269 ta' l-atti processwali

Rat li fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2022 l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2022.[6]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

[6] Folio 290-291 ta' l-atti processwali

**Piena**

Illi b'ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2022 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputat[7]. Il-fedina penali mhix netta u fiha jinsabu registrati 5 hames sentenzi. Madankollu s-sentenzi mhumiex relatati mat- tip ta' reati komessi f'dan il-kaz.

- L-ammissjoni ta' l-imputat. Illi din il-kawza kienet intiza biex tibda nhar is-17 ta' Ottubru 2016 u sar l-ezami ta' l-imputat nhar il-11 ta' Jannar 2016. Filwaqt li l-Avukat Generali hareg l-artikoli ghall-gudizzju l-prosekuzzjoni kienet ghadha ma lahhqitx ghalqet il-provi taghha sal-udjenza meta l-imputat irregistrat ammissjoni. L-imputat irregistra ammisjsoni tieghu wara li kien diga mitluba darbtejn dwar il-htija tieghu o menu, wara li nstemghu l-maggioranza tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u wara li kienu ghaddew madwar hames snin u nofs. B'hekk ghalkemm l-ammissjoni saret qabel l-ghoti tas-sentenza finali, fattwalment, ma jistax jinghad li saret fi stadju bikri in vista tal-fatt li saret hames snin u nofs wara li l-imputat tressaq u wara li giet appuntata ghal-smiegh kemm il-darba. Madankollu huwa osservat mill-Qorti li parti sostanzjali tad-dewmien kien minhabba li l-ko-imputat *Omissis* ma setghax jigi rrintraccat u fil-fatt intalab is-separazzjoni tal-gudizzju sabiex il-kaz ta' l-imputat Scicluna ma jkomplix jistagna.

[7] Folio 5-6 ta' l-atti processwali

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[8], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[9], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[10] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[11]

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li l-Qorti xorta dahhlet f'hafna xoghol u spejjez sabiex tinstema din l-kawza u filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi l-ammissjoni ta' l-imputat saret qabel il-Qorti ghaddiet sabiex tippronunzja ruhha dwar il-fatti u mertu tal-kaz, tqis li din l-ammissjoni saret fi stadju avvanzat u mhux bikri.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.
- Illi jirrizulta li l-vittma Carmelo Sammut sal-llum qatt ma thallas ghall-hsara, liema valur tal-hsara qatt ma gie stabbilit stante li l-parte civile ghazel li ma jixhidx.
- Il-parte civile Carmel Sammut, Neil Sammut Graziella Sammut nhar il-11 ta' Novembru 2016 iddikjaraw li ma ghadx ghandom interess f'dawn il-proceduri.[12]

L-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali jitlob li ebda proceduri ma jistghu jittiehdu jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza. Ghaldaqstant in vista tar-rinunzja ta' Neil Sammut ir-raba' imputazzjoni hija illum estinta.

[8] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[9] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[10] Thomson Reuteurs, S-29
[11] Blackstone Press Limited – 2006 edition
[12] Folio 56u 61 ta' l-atti processwali

L-artikolu 339(2) tal-Kodici Kriminali jistqarr li ebda kaz imsemmi fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ma jista jittiehed jekk mhux bil-kwerela tal-parte civile. Ghaldaqstant in vista tar-rinunzja tal-partijiet it-tielet imputazzjoni hija estinta.

Ghar-rigward l-imputazzjonijiet l-ohra, il-Qorti tqis li dawn huma kollha prosegwibbli *ex officio* u minkejja kwalunkwe rinunzja jew nuqqas ta' interess mill-parte civile, xorta irid isir il-prosegwiment ta' dawn il-proceduri.

- Il-prosekuzzjoni tenniet li din il-Qorti ghandha tqis sentenza alternattiva ghall-habs u jinghata *conditional discharge* skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-difiza abbracjat ruha ma dan is-suggeriment u t-tnejn qabli li ghandu tkun ghal-perjodu ta' tnax il-xhar.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi l-incident mertu ta' dan il-kaz sehh f'Mejju tas-sena 2016.

Illi fiz-zmien ta' l-incident il-piena punibbli ghal reat skont l-artikolu 216 kien ghal perjodu ta' prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin.

Illi bl-introduzzjoni ta' l-Att Numru XIII tal-2018 il-ligi giet emendata fis-sens li l-piena ghal dan ir-reat giet mizjuda ghal piena ta' prigunerjia ghal perjodu minn sena sa seba' snin fil-kaz ta' l-artikolu 216.

Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jinghata l-piena applikabli fil-perjodu meta sehh ir-reat u mhux kif emendata illum.

- Jirirzulta ghalhekk, li filwaqt li l-Qorti mhix marbuta mal-piena suggerita mill-partijiet, il-Qorti tara u tqis li wahda legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi.

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li l-artikoli 214, 215, 216, 221, 325, 338(dd), 339(1)(e), 17, 31, 533 382A, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Michael Scicluna, fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-ewwel, tat-tieni, tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xhar millum skont l-artikolu 22(1) tal- Kapitolu 446 tal-Ligjijet ta' Malta filwaqt li tqis it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet bhala estinti u konsegwentement tilliberah minnhom.

Il-Qorti spjegat l-import ta' l-obbligi naxxenti minn din is-sentenza skont l-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Lgijiet ta' Malta.

In vista tal-fatt li ma giex indikat b'mod car l-ammont ta' hsara li sofra l-vittma l-Qorti ma tistax taghmel ordni ta' kumpens lill-vittma ta' kriminalita' skont l-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

il-Qorti tordna lil hati Michael Scicluna ihallas lir-Registratur tal-Qorti **nofs** l-ispejjez tal-espert Dr. Mario Scerri mahtur fis-somma ta' mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u tlettin centezmu **(€158.35).**[13]

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skennjata ta' l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u ta' din is-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol skond il-Ligi.

**Moghtija illum nhar il-31 ta' Mejju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**

[13] Dok MSX1, Folio 210-222